MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1316/2003

**HSBC Bank Malta PLC,**
**qabel Mid-Med Bank PLC,**
**u orginarjament Mid-Med Bank Ltd.**

**vs**

**Anthony Pisani debitur principali**
**u martu Monica Pisani garanti solidali**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet u talbet: peress li s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut Anthony Pisani fis-somma ta' tlettin elf mija u wiehed u hamsin lira u hamsa u hamsin centesimu (Lm 30,151.55) debitu fil-kont numru 016-106007-340 li qabel kien numru 016-106007-001 u originarjament numru 161001074, bl-imghax legali mit-tmienja u ghoxrin (28) ta'

Marzu 2003; peress li l-konvenuta l-ohra Monica Pisani hija garanti solidali ta' zewgha l-konvenut l-iehor ghall-fini tal-istess debitu sa ammont li ma jeccedix erbghin elf lira (Lm40,000) barra mghax u spejjes; peress li l-konvenut debitur principali u l-konvenuta l-ohra garanti solidali debitament interpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti; peress li l-imsemmi debitu huwa cert, likwidu, u dovut, u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-konvenuti m'ghandhux ikollhom eccezzojijiet x'jaghtu. Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 167 *et seq.* tal- Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Pisani bhala debitur principali u lill-konvenuta l-ohra Monica Pisani bhala garanti solidali jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf mija u wiehed u hamsin lira u hamsa u hamsin centezimu (Lm 30, 151.55) bl-imghax legali mit-28 ta' Marzu 2003 sal-jum tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 2003 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------